**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0500/2021 }**
**B9-0508/2021 }**
**B9-0509/2021 }**
**B9-0510/2021 }**
**B9-0513/2021 }**
**B9-0514/2021 } RC1**

6.10.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0500/2021 (The Left)
B9-0508/2021 (Verts/ALE)
B9-0509/2021 (Renew)
B9-0510/2021 (S&D)
B9-0513/2021 (PPE)
B9-0514/2021 (ECR)

Il-każ ta' Paul Rusesabagina fir-Rwanda
(2021/2906(RSP))

**Tom Vandenkendelaere, Michael Gahler, David McAllister, Isabel Wiseler-Lima, Inese Vaidere, Michaela Šojdrová, David Lega, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, José Manuel Fernandes, Loránt Vincze, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Miriam Lexmann, Peter Pollák, Christian Sagartz, Maria Walsh, Vladimír Bilčík, Ivan Štefanec, Gabriel Mato,**

**Paulo Rangel, Vangelis Meimarakis, Stelios Kympouropoulos, Jiří Pospíšil, Janina Ochojska, Tomáš Zdechovský, Antonio López-Istúriz White, Eva Maydell, Andrey Kovatchev**
f'isem il-Grupp PPE
**Andrea Cozzolino, Pedro Marques, Kathleen Van Brempt**
f'isem il-Grupp S&D
**Hilde Vautmans, Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Svenja Hahn, Irena Joveva, Karen Melchior, Jan-Christoph Oetjen, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ştefănuță, Ramona Strugariu**
f'isem il-Grupp Renew
**Jordi Solé**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Anna Fotyga, Karol Karski, Assita Kanko, Ryszard Antoni Legutko, Jadwiga Wiśniewska, Witold Jan Waszczykowski, Bogdan Rzońca, Ryszard Czarnecki, Veronika Vrecionová, Ladislav Ilčić, Raffaele Fitto, Angel Dzhambazki, Valdemar Tomaševski, Eugen Jurzyca, Jan Zahradil, Adam Bielan, Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR
**Marisa Matias**
f'isem il-Grupp The Left
**Fabio Massimo Castaldo**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-każ ta' Paul Rusesabagina (2021/2906(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Rwanda, partikolarment dik tal-11 ta' Frar 2021 dwar ir-Rwanda: il-każ ta' Paul Rusesabagina[1],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li kien irratifikat mir-Rwanda fl-1975,

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji u l-Linji gwida dwar id-Dritt għal Proċess Ġust u għall-Assistenza Legali fl-Afrika,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra,

– wara li kkunsidra r-regoli standard minimi tal-NU dwar it-trattament tal-priġunieri (ir-"Regoli Nelson Mandela"), kif riveduti fl-2015,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Kampala dwar il-Kundizzjonijiet tal-Ħabs fl-Afrika,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar ir-Rieżami Perjodiku Universali tal-25 ta' Marzu 2021 dwar ir-Rwanda,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-komunità internazzjonali li fihom ikkundannaw l-irregolaritajiet u ikkundannaw in-nuqqas ta' proċessi ġusti fir-Rwanda, anki mill-Gvern tal-Belġju, id-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti u l-Gvern tar-Renju Unit,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet maħruġa mill-Federazzjoni Ewropea tal-Avukati, iċ-Ċentru għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Avukati u diversi organizzazzjonijiet stabbiliti tad-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou,

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Rwanda,

– wara li kkunsidra l-istrumenti tal-NU u tal-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

[1] Testi adottati, P9_TA(2021)0055.

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari tal-1963,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fid-29 ta' Settembru 2021, id-difensur tad-drittijiet tal-bniedem, iċ-ċittadin Belġjan u r-residenti tal-Istati Uniti, Paul Rusesabagina ġie ddikjarat ħati u kkundannat għal 25 sena ħabs mill-Kamra għad-Delitti Internazzjonali u Transfruntieri tal-Qorti Superjuri tar-Rwanda wara l-arrest tiegħu f'Kigali fil-31 ta' Awwissu 2020; billi s-Sur Rusesabagina ġie akkużat b'disa' kapijiet ta' akkuża relatati mat-terroriżmu u miżmum bħala kriminalment responsabbli għal attivitajiet attribwiti lill-Moviment Rwandiż għat-Tibdil Demokratiku/Front Nazzjonali għal-Liberazzjoni (MRCD-FLN), koalizzjoni ta' partiti politiċi tal-oppożizzjoni u l-fergħa militari tiegħu;

B. billi l-arrest tas-Sur Rusesabagina f'Awwissu 2020 kien arbitrarju, imwettaq taħt pretenzjonijiet foloz u involva trasferiment illegali lejn ir-Rwanda, għajbien furzat u detenzjoni f'iżolament; billi ma ġie prodott l-ebda mandat għall-arrest tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 37 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tar-Rwanda tal-2019 u ma ġiet ippreżentata l-ebda akkuża qabel il-kundanna tiegħu, bi ksur tal-Artikolu 68 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tar-Rwanda; billi s-Sur Rusesabagina ddikjara pubblikament diversi drabi li ma setax jirritorna lejn il-pajjiż nattiv tiegħu minħabba l-biża' ta' retribuzzjoni;

C. billi l-ministru tal-ġustizzja tar-Rwanda, Johnston Busingye, ammetta r-rwol tal-gvern tiegħu fl-għajbien furzat u fit-trasferiment tas-Sur Rusesabagina f'Awwissu 2020, fil-ħlas għat-titjira għat-trasferiment, u fil-ksur tad-dritt tas-Sur Rusesabagina għal proċess ġust; billi fl-10 ta' Marzu 2021 il-qorti ddeċidiet li t-trasferiment tas-Sur Rusesabagina kien legali u li huwa ma kienx maħtuf;

D. billi meta ngħata l-verdett, tħabbret evidenza addizzjonali li ma kinitx instemgħet qabel mill-qorti jew ippreżentata matul il-proċess relatat mal-allegazzjoni li s-Sur Rusesabagina kien ġabar fondi għall-grupp armat FLN; billi xi wħud mill-provi msemmija jirriżultaw minn dikjarazzjonijiet li s-Sur Rusesabagina jsostni li saru taħt pressjoni u mingħajr avukat;

E. billi t-tim ta' avukati tas-Sur Rusesabagina li inizjalment irrappreżentah ma kienx tal-għażla tiegħu u billi l-avukati tal-għażla tiegħu li eventwalment kiseb aċċess għalihom minn April 2021 ma tħallewx jiltaqgħu miegħu, u dan imur kontra l-Artikolu 68 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tar-Rwanda;

F. billi l-kundizzjoni medika tas-Sur Rusesabagina f'detenzjoni ġiet irrappurtata bħala inkwetanti ħafna, peress li huwa superstitu tal-kanċer u jbati minn kundizzjoni kardjovaskulari; billi skont l-avukati tiegħu huwa tilef żewġ skrinings għal kanċer u l-awtoritajiet tal-ħabs ċaħduh l-aċċess għall-mediċina bir-riċetta pprovduta mit-tabib Belġjan tiegħu, u dan ikkawża diffikultà mentali u fiżika bi ksur tal-Artikoli 12 u 14 tal-Kostituzzjoni tar-Rwanda dwar id-dritt għall-ħajja, id-dritt għall-integrità fiżika, u l-protezzjoni kontra trattament inuman jew degradanti;

G. billi f'Settembru 2020, l-awtoritajiet tar-Rwanda naqsu milli jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Belġju dwar l-arrest tas-Sur Rusesabagina bi ksur tal-prinċipju stabbilit fid-dritt internazzjonali dwar l-assistenza konsulari; billi s-Servizz Korrezzjonali tar-Rwanda (RCS) kiseb aċċess għall-komunikazzjonijiet u d-dokumenti legali skambjati bejn is-Sur Rusesabagina u l-avukati tiegħu; billi l-Ministru tal-Affarijiet Barranin Belġjan bagħat diversi noti verbali lill-kontroparti Rwandiża tagħha fejn talbet li d-drittijiet tas-Sur Rusesabagina jiġu rispettati, iżda l-Gvern tar-Rwanda rrifjuta kull talba;

H. billi f'Lulju 2021 ġie rrappurtat li l-awtoritajiet tar-Rwanda kienu użaw il-Pegasus spyware tal-Grupp NSO biex potenzjalment ikollhom fil-mira aktar minn 3 500 attivist, ġurnalist u politikant; billi skont analiżi forensika tat-telefown tagħha, is-software spyware ntuża wkoll biex jinfetta t-telefown ta' Carine Kanimba, bint is-Sur Rusesabagina; billi l-awtoritajiet tar-Rwanda ċaħdu dan;

I. billi r-Rwanda hija firmatarja tal-Ftehim ta' Cotonou, li jistipula li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa element essenzjali ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku; billi t-tisħiħ tal-istat tad-dritt u t-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem huma l-oqsma prijoritarji ewlenin tal-ipprogrammar tal-UE għar-Rwanda;

J. billi t-tieni laqgħa ministerjali bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE se ssir f'Kigali fil-25 u l-26 ta' Ottubru 2021;

1. Ifakkar lill-Gvern tar-Rwanda fl-obbligi tiegħu li jiggarantixxi d-drittijiet fundamentali, inklużi l-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għal proċess ġust, kif previst fil-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u fi strumenti internazzjonali u reġjonali oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Ftehim ta' Cotonou, b'mod partikolari l-Artkoli 8 u 96 tiegħu;

2. Jissottolinja li r-Rwanda trid tissalvagwardja l-indipendenza tal-ġudikatura tagħha u tiddefendiha fil-kostituzzjoni u l-liġijiet kollha tagħha, peress li huwa d-dmir tal-istituzzjonijiet governattivi u istituzzjonijiet oħra kollha li jirrispettaw u josservaw l-indipendenza tal-ġudikatura;

3. Ifakkar li l-estradizzjoni ta' kwalunkwe suspettat lejn pajjiż ieħor għandha ssir biss permezz ta' proċedimenti ta' estradizzjoni ssorveljati b'mod indipendenti sabiex tiġi ggarantita l-legalità tat-talba għall-estradizzjoni u jiġi żgurat li d-drittijiet tal-persuna suspettata għal proċess ġust ikunu ggarantiti bis-sħiħ fil-pajjiż li qed jagħmel it-talba;

4. Jikkundanna bil-qawwa, għalhekk, l-arrest, id-detenzjoni u l-kundanna illegali ta' Paul Rusesabagina, li jiksru id-dritt internazzjonali u dak tar-Rwanda; iqis il-każ tas-Sur Rusesabagina bħala eżempju ċar tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-Rwanda u jixħet dubju fuq l-ekwità tal-verdett, li allegatament ma kellux garanziji għal proċess ġust f'konformità mal-aħjar prattiki internazzjonali ta' rappreżentanza, id-dritt li wieħed jinstema' u l-preżunzjoni tal-innoċenza;

5. Jitlob il-ħelsien immedjat tas-Sur Rusesabagina għal raġunijiet umanitarji u għar-

ripatrijazzjoni tiegħu mingħajr preġudizzju għall-ħtija jew l-innoċenza tiegħu; jitlob li d-Delegazzjoni tal-UE għar-Rwanda u r-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Istati Membri jwasslu din it-talba bil-qawwa fl-iskambji tagħhom mal-awtoritajiet tar-Rwanda;

6. Jistieden lill-Gvern tar-Rwanda jiggarantixxi, fiċ-ċirkostanzi kollha, l-integrità fiżika u l-benessri psikoloġiku tas-Sur Rusesabagina u jippermettilu jieħu l-mediċina tas-soltu tiegħu; jinsisti li l-Gvern tar-Rwanda jeħtieġlu jirrispetta d-dritt tal-Gvern tal-Belġju li jipprovdi assistenza konsulari lis-Sur Rusesabagina sabiex jissalvagwardja saħħtu u jiżgura l-aċċess xieraq tiegħu għad-difiża;

7. Jiddeplora s-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fir-Rwanda u b'mod partikolari l-persekuzzjoni mmirata ta' fehmiet kuntrarji; jikkundanna l-proċessi politikament motivati u l-prosekuzzjoni tal-avversarji politiċi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tar-Rwanda jiżguraw is-separazzjoni tas-setgħat, b'mod partikolari l-indipendenza tal-ġudikatura;

8. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem biex isaħħu d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mar-Rwanda fl-ogħla livelli fil-qafas tal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, sabiex jiżguraw li l-pajjiż jirrispetta l-impenji bilaterali u internazzjonali tiegħu; jenfasizza li, fil-kuntest tal-ħidma internazzjonali għall-iżvilupp fir-Rwanda, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, u governanza trasparenti u reattiva għandhom jingħataw wisq aktar prijorità;

9. Jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi b'mod kritiku l-appoġġ tal-UE lill-Gvern u lill-istituzzjonijiet statali tar-Rwanda biex tiżgura li dan jippromwovi bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u ma jkollu l-ebda riperkussjonijiet negattivi fuq il-libertajiet ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni, il-pluraliżmu politiku, ir-rispett għall-istat tad-dritt u soċjetà ċivili indipendenti;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-President tar-Repubblika tar-Rwanda, lill-iSpeaker tal-Parlament tar-Rwanda, u lill-Unjoni Afrikana, u lill-istituzzjonijiet tagħha.